MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
PHILIP MANDUCA**

Seduta tad-19 ta' Gunju, 2003

Talba Numru. 2288/2002

**Italian Image Company Limited**

**Vs**

**Anthony u Giuseppina sive
Guza konjugi Vella**

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz li fih is-socjeta' attrici talbet il-hlas ta' Lm755.87c (seba' mija u hamsa u hamsin lira Maltin u sebgha u tmenin centezmu) rappresentanti prezz ta' merkanzija mibjugha u kkonsenjata lill-konvenuti kif spjegat fl-Avviz.

Ra r-Risposta tal-konvenuti li qalu li t-talbiet attrici ghandhom jigu michuda billi l-prezz huwa esagerat u qatt ma kien hemm prezz miftiehem u illi l-madum mixtri ma kienx ta' kwalita' tajba u pattwita.

Ra li l-konvenuti resqu Kontro-Talba fejn talbu Lm1000.00c (elf lira Maltin) rappresentanti danni sofferti biex jigi rrangat u rimedjat ix-xoghol kawza tal-madum ta' kwalita inferjuri.

Ra l-Eccezzjoni ghal Kontro-Talba fis-sens li din hija preskritta ai termini tal-artikolu 2153 tal-Kodici Civili.

Ra li l-kawza giet differita ghas-sentenza dwar it-tieni eccezzjoni tal-konvenuti.

Ra d-dokumenti esebiti.

Jirrisulta li jekk dan it-Tribunal kellu jiddeciedi jekk il-madum kien ta' kwalita pattwita u/jew ta' kwalita mhijiex tajba, l-indagini tat-Tribunal jezorbita lil hinn mill-kompentenza tieghu (ara per ezempju Blye Engineering Co. Ltd Vs Rose Borg  Appell mit-Tribunal Ghal Talbiet Zghar deciza 13/7/2001).

Ghaldaqsant, it-Tribunal qed jaghti terminu perentorju ta' xahar lill-konvenuti, biex, jekk jidrilhom jipproponu l-azzjoni ghar-recissjoni tal-kompravendita quddiem il-Qorti kompetenti. Jiddiferixxi l-kawza sine die proponibbli b'rikors minn xi parti wara li tkun finalment deciza mill-Qorti kompetenti l-kawza li kellhom jipproponu l-konvenuti fiz-zmien lilhom moghti, jew, f'kaz li jaghzlu li ma jaghmlux kawza, apena jiskadi dak l-istess terminu inutilment. Ghal kull boun fini jigi ddikjarat li l-provvediment fir-rigward tad-desserzjoni tal-kawzi ma kellhomx jiddekorru. L-ispejjez jigu decizi fis-sentenza finali.

--------------------------------TMIEM--------------------------------